DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/552

tal-4 ta' April 2022

li tiddetermina li l-borża tat-titoli nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika rreġistrati mas-Securities and Exchange Commission jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2a(2) tiegħu,

Billi:

(1) Mid-definizzjoni ta' "derivati OTC" u "kuntratt tad-derivati OTC" stabbilita fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirriżulta li l-istrumenti finanzjarji għajr id-derivati OTC huma kuntratti tad-derivati li l-eżekuzzjoni tagħhom issehħ jew f'suq regolat kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew f'suq ta' pajjiż terz meqjus bħala ekwivalenti għal suq regolat skont l-Artikolu 2a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. B'konsegwenza ta' dan, għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jenħtieġ li l-kuntratti tad-derivati eżegwiti f'suq ta' pajjiż terz meqjus ekwivalenti għal suq regolat jiġu kklassifikati bħala strumenti finanzjarji għajr id-derivati OTC.

(2) Skont l-Artikolu 2a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, suq ta' pajjiż terz jitqies bħala ekwivalenti għal suq regolat meta dak is-suq jikkonforma ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE u dment li dak is-suq ikun soġġett għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa. Għalhekk jenħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-borża nazzjonali ("NSEs") li huma stabbiliti fl-Istati Uniti tal-Amerika u li huma ssorveljati mis-SEC jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti.

(3) Din il-valutazzjoni tal-ekwivalenza hija limitata għall-NSEs elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk tkopri l-istrumenti derivati li huma nnegozjati f'dawn il-borża u kklerjati mis-CCPs rikonoxxuti mill-ESMA.

(4) It-Taqsima 3(a)(1) tas-Securities Exchange Act tal-1934 (l-"Exchange Act") tiddefinixxi borża bħala kull organizzazzjoni, assoċjazzjoni, jew grupp ta' persuni li jikkostitwixxi, iżomm jew jipprovdi suq jew faċilitajiet li jlaqqgħu flimkien xerrejja u bejjiegħa ta' titoli jew li b'xi mod ieħor iwettqu, fir-rigward ta' titoli, il-funzjonijiet komunament imwettqa minn borża. It-terminu borża huwa definit ulterjorment skont ir-Regola 3b-16 tas-SEC bħala organizzazzjoni, assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni li jiġbor flimkien l-ordnijiet għal titoli ta' diversi xerrejja u bejjiegħa u juża metodi stabbiliti u mhux diskrezzjonali, jew billi jipprovdi faċilità tan-negozjar jew inkella billi jistabbilixxi regoli, li taħthom dawn l-ordnijiet għandhom jinteraġixxu ma' xulxin u x-xerrejja u l-bejjiegħa li jagħmlu tali ordnijiet jaqblu mat-termini tan-negozjar. Għaldaqstant, hija meħtieġa borża biex titħaddem sistema multilaterali f'konformità ma' regoli mhux diskrezzjonali.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(5) Skont it-Taqsima 19(a)(1) tal-Exchange Act, borża trid tiġi rreġistrata mas-SEC bħala NSE qabel ma tkun tista' tibda topera. Is-SEC twettaq ir-reġistrazzjoni jekk issib li r-rekwiżiti applikabbli fir-rigward tal-applikant ikunu ssodisfati. Is-SEC ikollha tiċħad ir-reġistrazzjoni jekk dawn ir-rekwiżiti ma jkunux issodisfati. L-Exchange Act jirrikjedi wkoll li borża jkollha fis-seħħ arranġamenti biex jiġu indirizzati t-tipi kollha ta' mġiba u attività li applikant jixtieq jinvolvi ruħu fihom. Skont l-Exchange Act, il-konformità kontinwa mar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni inizjali hija kundizzjoni għat-tkomplija tar-reġistrazzjoni għall-NSEs. L-NSEs irreġistrati huma għalhekk meħtieġa jżommu r-regoli, l-politiki u l-proċeduri konsistenti mal-obbligi statutorji tagħhom, u li jkollhom il-kapaċità li jwettqu l-obbligi tagħhom fuq bażi kontinwa.

(6) L-Exchange Act jispeċifika wkoll li l-NSEs iridu jipprovdu lill-membri tagħhom b'aċċess imparzjali għas-swieq u s-servizzi tagħhom. Il-kriterji ta' aċċess iridu jkunu trasparenti u ma għandhomx jiġu applikati b'mod inġustament diskriminatorju. L-NSEs irreġistrati jeħtieġ li jkollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tat-titoli għan-negozjar sabiex dawn it-titoli jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'mod ġust, ordnat u effiċjenti, u jkunu liberament negozjabbli. Kemm il-borża tal-opzjonijiet kif ukoll il-borża tal-ekwitajiet għandhom standards ta' kwotazzjoni li huma soġġetti għas-sorveljanza tas-SEC skont it-Taqsima 19 u r-Regola 19b-4 tal-Exchange Act. Ir-regoli tas-SEC u l-istandards ta' kwotazzjoni jirrikjedu li l-emittenti tat-titoli sottostanti għall-opzjonijiet ikkwotati jiżvelaw fil-ħin informazzjoni li tkun materjali għall-investituri jew li x'aktarx ikollha effett sinifikattiv fuq il-prezz tat-titoli. L-NSEs huma pprojbiti milli jikkwotaw xi titolu ta' emittent li ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-kumitat tal-awditjar stabbiliti fir-regoli tas-SEC. NSE ma tistax tirreġistra titoli sottostanti għall-opzjonijiet ikkwotati li għalihom l-informazzjoni dwar it-titoli u l-emittent tagħhom ma tkunx disponibbli pubblikament. Ir-Regola 9b-1 tas-SEC teħtieġ ukoll li s-swieq tal-opzjonijiet iħejju dokument ta' żvelar dwar l-opzjonijiet b'ċerta informazzjoni speċifika dwar il-karatteristiċi u r-riskji tal-opzjonijiet innegozjati fil-borża. Is-sensara negozjanti jridu jipprovdu lill-klijenti b'dan id-dokument ta' żvelar dwar l-opzjonijiet, u dan id-dokument irid jiġi ppreżentat lis-SEC qabel ma jiġi fornut lill-klijenti. Barra minn hekk, l-Options Clearing Corporation ("OCC") hija l-emittent tal-opzjonijiet ikkwotati fil-borża. L-OCC hija rreġistrata mas-SEC bħala korporazzjoni tal-ikklerjar u organizzazzjoni awtoregolatorja. L-OCC trid tikkonforma mat-Taqsima 17 A tal-Exchange Act, li jirrikjedi, fost l-oħrajn, li r-regoli tal-OCC b'mod ġenerali, jridu jitfasslu biex jipproteġu lill-investituri u l-interess pubbliku. Ir-regoli tal-OCC huma soġġetti għas-sorveljanza tas-SEC skont it-Taqsima 19 tal-Exchange Act u r-Regola 19b-4 tas-SEC. Barra minn hekk, il-bidliet li OCC tkun biħsiebha tagħmel fir-regoli, fl-operazzjonijiet, jew fil-proċeduri tagħha li jistgħu jaffettwaw materjalment in-natura jew il-livell ta' riskju ppreżentat mill-OCC huma soġġetti wkoll għal sorveljanza tas-SEC skont it-Taqsima 806(e) tad-Dodd-Frank Wall Street Reform and Consumer Protection Act tal-2010 u r-Regola 19b-4 tas-SEC. Ir-Regola 17Ad-22(c) tas-SEC tirrikjedi li l-OCC tiżvela pubblikament il-finanzi tagħha annwali awditjati. Barra minn hekk, ir-Regola 17Ad-22(e)(23) tas-SEC tirrikjedi li OCC tinforza l-politiki u l-proċeduri li jipprevedu, fost l-oħrajn, il-pubblikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri materjali rilevanti kollha, inklużi l-aspetti ewlenin tar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-inadempjenza tagħha, ta' *data* bażika dwar il-volum u l-valuri tat-tranżazzjonijiet, u ta' deskrizzjoni komprensiva tar-regoli, tal-politiki u tal-proċeduri materjali tagħha rigward il-qafas legali, ta' governanza, ta' ġestjoni tar-riskju u operattiv tagħha. In-negozjar korrett ta' titoli f'NSE huwa żgurat mis-setgħat tas-SEC li tissospendi n-negozjar u toħroġ ordnijiet ta' emerġenza taħt ċerti ċirkostanzi u li tipproteġi l-interess pubbliku u l-investituri. Il-qafas regolatorju tal-Istati Uniti jinkludi wkoll rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u ta' wara n-negozjar għall-għoti ta' informazzjoni f'waqtha lill-parteċipanti fis-suq.

(7) Meta NSE tirreġistra ma' SEC, issir Organizzazzjoni ta' Awtoregolamentazzjoni (Self-Regulatory Organisation, "SRO"). L-awtoregolamentazzjoni tal-intermedjarji tas-suq permezz ta' sistema ta' SROs hija waħda mill-elementi ewlenin tal-qafas regolatorju tal-Istati Uniti. L-SROs huma primarjament responsabbli għall-istabbiliment tar-regoli li skonthom il-membri tagħhom iwettqu l-kummerċ u għall-monitoraġġ tal-modi kif il-membri tagħhom iwettqu l-kummerċ. Fil-kapaċità tagħhom bħala SROs, l-NSEs jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità tal-membri tagħhom u tal-persuni assoċjati mal-membri tagħhom, mal-Exchange Act, mar-regoli u r-regolamenti tiegħu u mar-regoli proprji tagħhom. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-membri mar-regoli tal-NSE, l-NSEs huma meħtieġa jindirizzaw kull ksur potenzjali tar-regoli tas-suq jew tal-liġijiet federali tat-titoli mill-membri tagħhom. Huma wkoll meħtieġa jinfurmaw lis-SEC dwar ksur sinifikanti.

(8) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għall-NSEs awtorizzati fl-Istati Uniti tal-Amerika li huma stabbiliti fil-qafas legali għat-tħaddim tal-NSEs jagħtu għalhekk riżultati sostanzjalment ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE fl-oqsma li ġejjin: il-proċess tal-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti tad-definizzjonijiet, l-aċċess għall-borża rikonoxxuta, ir-rekwiżiti organizzazzjonali, l-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozjar, is-suspensjoni u t-tneħħija ta' strumenti min-negozjar, il-monitoraġġ tal-konformità u l-aċċess għall-arranġamenti tal-ikklirjar u tas-saldu.

(9) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li r-rekwiżiti legalment vinkolanti għall-NSEs stabbiliti fl-Istati Uniti tal-Amerika huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE.

(10) Fir-rigward ta' superviżjoni effikaċi, is-Securities Act tal-1933 u l-Exchange Act jikkostitwixxu l-atti prinċipali tal-leġiżlazzjoni primarja li tistabbilixxi reġim ġuridikament eżegwibbli għan-negozjar ta' titoli fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-Exchange Act jagħti lis-SEC awtorità wiesgħa fuq l-aspetti kollha tal-industrija tat-titoli, inkluża s-setgħa li tirreġistra, tirregola u timmonitorja s-sensara-negozjanti, l-aġenti tat-trasferiment u l-aġenziji tal-ikklerjar, kif ukoll l-SROs tal-Istati Uniti tal-Amerika li jinkludu l-borża ta' titoli nazzjonali.

(11) L-Exchange Act jidentifika u jipprojbixxi wkoll ċerti tipi ta' kondotta fis-swieq u jipprovdi lis-SEC b'setgħat dixxiplinarji fuq entitajiet regolati u persuni assoċjati magħhom. Barra minn hekk, l-Exchange Act jagħti setgħa wkoll lis-SEC li tirrikjedi rappurtar perjodiku ta' informazzjoni minn kumpaniji b'titoli nnegozjati pubblikament. L-awtoregolamentazzjoni tal-intermedjarji tas-suq permezz ta' sistema ta' SROs hija waħda mill-elementi ewlenin tal-qafas regolatorju tal-Istati Uniti. Skont il-qafas regolatorju tal-Istati Uniti, l-SROs, bħala regolaturi, huma primarjament responsabbli għall-istabbiliment u l-monitoraġġ tar-regoli li skonthom il-membri tagħhom iwettqu n-negozju.

(12) L-Exchange Act jirrikjedi li l-NSE kollha rreġistrati jinfurzaw il-konformità mill-membri tagħhom u mill-persuni assoċjati mal-membri tagħhom mal-Exchange Act, mar-regoli u r-regolamenti tiegħu u mar-regoli proprji tagħhom. Bħala parti mis-superviżjoni kontinwa tal-NSE, is-SEC tevalwa l-kapaċità ta' kull borża li tistħarreġ il-membri tagħha u l-attivitajiet kummerċjali tagħhom. L-NSE għandha tindirizza kull ksur potenzjali tar-regoli tas-suq jew tal-liġijiet federali tat-titoli mill-membri tagħha u tirraporta tali ksur potenzjali lis-SEC.

(13) Bħala parti mid-dmirijiet tagħha biex tinforza l-konfomità mill-membri tagħha, kull NSE hija responsabbli għall-investigazzjoni u d-dixxiplinar ta' kull ksur tal-Exchange Act, u tar-regoli u r-regolamenti adottati skontu. Is-SEC tista' tinvestiga u tħarrek ukoll, għad-diskrezzjoni tagħha, kull ksur tal-Exchange Act u r-regoli u r-regolamenti adottati skontu. Ir-regoli tal-SRO wkoll soġġetti għal rieżami tas-SEC. Skont it-Taqsima 19 (h) tal-Exchange Act, is-SEC tista' timponi sanzjonijiet fuq l-SROs li jkunu naqsu, mingħajr ġustifikazzjoni jew skuża raġonevoli, milli jinfurzaw il-konformità ma' xi regola tal-SRO minn membru jew persuna assoċjata ma' membru.

(14) Skont it-Taqsima 21 tal-Exchange Act, is-SEC tista' tinvestiga l-ksur tar-regoli tal-SRO u timponi sanzjonijiet kontra l-membri tal-SRO li jiksru dawn ir-regoli. Bħala parti mis-superviżjoni kontinwa tagħha tal-SROs, is-SEC tevalwa l-abbiltà ta' kull NSE li tissorvelja l-membri tagħha u l-attivitajiet kummerċjali tagħhom. L-NSE huma meħtieġa jinfurmaw lis-SEC b'kull bidla fir-regoli.

(15) Fir-rigward tal-infurzar effettiv, is-SEC għandha awtorità wiesgħa biex tinvestiga ksur attwali jew potenzjali tal-liġijiet federali tat-titoli tal-Istati Uniti, inkluż l-Exchange Act u r-regoli adottati skontu. Is-SEC tista' takkwista rekords minn entitajiet regolati skont is-setgħat superviżorji tagħha. Barra minn hekk, skont l-awtorità ta' taħrika tagħha, is-SEC tista' tobbliga l-produzzjoni ta' dokumenti jew testimonji minn kwalunkwe persuna jew entità fi kwalunkwe post fl-Istati Uniti. Is-SEC għandha l-awtorità li tieħu azzjonijiet ta' infurzar billi tagħti bidu għal azzjonijiet ċivili fi qrati federali distrettwali jew billi tibda proċedimenti amministrattivi quddiem imħallef tal-liġi amministrattiva tas-SEC għal ksur tal-liġijiet federali ta' titoli fl-Istati Uniti, inkluż abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. F'azzjonijiet ċivili, is-SEC tista' tfittex restituzzjoni ta' profitti illegali, imgħax ta' qabel id-deċiżjoni ġudizzjarja, sanzjonijiet ta' flus ċivili, inġunzjonijiet, kif ukoll rimedju anċillari ieħor, inkluża r-restituzzjoni tal-benefiċċji min-naħa tal-konvenut.

(16) F'azzjonijiet amministrattivi, sanzjonijiet jistgħu jinkludu ċensuri, limitazzjonijiet fuq l-attivitajiet, pieni ċivili flimkien ma' restituzzjoni ta' profitti illegali jew sanzjonijiet kontra individwi, jew revoka fuq ir-reġistrazzjoni ta' entità. Is-SEC għandha s-setgħa li tieħu azzjoni ta' infurzar kontra SRO għal nuqqas ta' aġir jew għal nuqqas mit-twettiq xieraq tal-funzjonijiet meħtieġa. Barra minn hekk, is-SEC hija awtorizzata tikkoordina l-azzjonijiet ta' infurzar tagħha mal-kontropartijiet domestiċi u internazzjonali fi kwalunkwe punt matul inkjesta jew investigazzjoni, inkluż ir-riferiment ta' kwistjoni lid-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti għall-prosekuzzjoni kriminali jew lil korpi kriminali jew regolatorji oħra għal azzjoni. Barra minn hekk, is-SEC għandha l-awtorità li taqsam informazzjoni mhux pubblika fil-pussess tagħha ma' kontropartijiet domestiċi u internazzjonali.

(17) Il-qafas legali u superviżorju tal-Istati Uniti jiżgura wkoll it-trasparenza tas-suq u l-integrità billi jipprevjeni l-abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Dan il-qafas legali u superviżorju jipprojbixxi l-imġiba li tista' tirriżulta f'distorsjoni tal-funzjonament tas-swieq, inklużi l-manipulazzjoni tas-suq u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. Dan il-qafas legali u superviżorju jawtorizza wkoll lis-SEC tieħu azzjonijiet ta' infurzar kontra tali imġiba.

(18) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-NSEs huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi fl-Istati Uniti fuq bażi kontinwa.

(19) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huma għalhekk meqjusa ssodisfati fir-rigward tal-NSEs awtorizzati u ssorveljati mis-SEC fl-Istati Uniti tal-Amerika.

(20) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti marbuta mal-NSEs applikabbli fl-Istati Uniti tal-Amerika fil-waqt tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESMA, se tkompli timmonitorja fuq bażi regolari l-arranġamenti superviżorji u ta' infurzar għall-NSEs u t-twettiq tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ittieħdet din id-Deċiżjoni.

(21) Ir-rieżami regolari tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal NSEs fl-Istati Uniti tal-Amerika huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin, meta żviluppi rilevanti jirrikjedu li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni. Tali rivalutazzjoni tista' twassal għar-revoka ta' din id-Deċiżjoni.

(22) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (7), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-borża tat-titoli nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika li huma rreġistrati mas-Securities and Exchange Commission u li huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE u huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Borża nazzjonali tat-titoli rreġistrati mas-Securities and Exchange Commission tal-Istati Uniti u li huma kkunsidrati ekwivalenti għas-swieq regolati:

(a) BOX Exchange LLC,

(b) Cboe BZX Exchange, Inc.,

(c) Cboe C2 Exchange, Inc.,

(d) Cboe EDGX Exchange, Inc.,

(e) Cboe Exchange, Inc.,

(f) Miami International Securities Exchange, LLC,

(g) MIAX Emerald, LLC,

(h) MIAX PEARL, LLC,

(i) Nasdaq GEMX, LLC,

(j) Nasdaq ISE, LLC,

(k) Nasdaq BX, Inc.,

(l) Nasdaq MRX, LLC,

(m) Nasdaq PHLX, LLC,

(n) Nasdaq Options Market, LLC,

(o) NYSE American Options, LLC, u

(p) NYSE Arca, Inc.